MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2013

Numru. 454/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs.**

**Angelo Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijjiet migjuba kontra Angelo Cassar ta' 40 sena, iben Anthony u Marianne nee Camilleri, imwieled l-Imqabba fit-30 ta' Mejju 1968, resident Blk D Door A Flt 1, Triq Pietru Galjardi, Tarxien, detentur tal-karta tal-Identita numru 263768 (M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-22 ta' Mejju 2008 ghal habta tal-11.00am u matul l-ahhar xhur qabel din id-data:

kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Wara li semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Waqt tfittxija fid-dar fejn l-imputat jabita maz-zija tieghu, fil-kamra tas-sodda tal-imputat il-pulizija sabu xi affarijiet relatati mad-droga, fosthom kuccarina mahruqa, xi seringi u borza vojta. L-imputat ma kienx prezenti waqt it-tfittxija, pero sussegwentement mar l-ghassa fejn irrilaxxa stqarrija.

Il-kaz tal-prosekuzzjoni qieghed iserrah principalment fuq l-istqarrija li irrilaxxa l-imputat, stante li ghalkemm id-difiza fis-seduta tad-29 ta’ Ottubru 2012 ivverbalizzat li fl-ezebiti

mill-prosekuzzjoni hemm tracci tad-droga eroina mahruqa, ma hemmx prova tad-data li fiha giet abbuza l-eroina.

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li l-oggetti misjuba mill-pulizija huma tieghu. Huwa ammetta li kien xtara l-eroina hamest ijiem qabel ma sabuha l-pulizija, u li kien abbuza darbtejn minnha. Huwa ammetta wkoll li jabbuza mid-droga meta jkollu xi haga tal-flus.

Id-difiza ma resqitx provi, pero fit-trattazzjoni orali finali, issollevat il-kwistjoni li l-istqarrija u kull diskors li sar ma l-ispettur ghandu jigi skartat ghaliex sar fi zmien meta l-ligi Maltiija ma kienitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma’ avukat qabel l-interrogatorju.

Fl-ahhar sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali in materia, u cioe dik fl-ismijiet **Charles Steven Muscat v. Avukat Generali** deciza fit-8 t’Ottubru 2012, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet li l-fatt wahdu li l-istqarrija tkun ittiehdet minghajr ma l-persuna arrestata jkollha access ghal avukat, mhux bizzejjed sabiex jista’ jinghad li kien hemm ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq. F’dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet illi *“Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi ngiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta’ avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq u hekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dan il-perikolu, mela ma hemmx ksur.”*

Fil-kaz ta’ **Muscat** fuq citat, il-Qorti Kostituzzjonali waslet ghall-konkluzjoni li ma kien gie lez id-dritt ghal smiegh xieraq, ghaliex *inter alia*:

1. meta sar l-interrogatorju, ir-rikorrent kien ragel matur li gia kien qieghed jiskonta sentenza ta’ prigunerija fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin. Ghalhekk kellu esperjenza ta’ interrogatorju mill-pulizija u ma kienx xi minorenni jew ibati minn xi forma ta’ vulnerabilita hekk li facilment ikun intimidit bl-ambjent fejn issir l-interrogatorju.

2. ir-rikorrent kien gie mgharraf bil-jedd tieghu li jibqa' sieket u ma jwiegibx, u skont il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla seta' jaghmilha minghajr konsegwenzi ta' xejn.
3. sakemm infethet il-kawza ir-rikorrent qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrija li kien ghamel jew li jichad dak li fiha.

Ma jistghax ikun hemm dubbju li l-access ghal avukat qabel l-interrogatorju bhala parti mid-dritt ta' smiegh xieraq gie introdott kemm mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (ara il-kaz ta' **Salduz**[1]) u mill-Qorti Kostituzzjonali (ara **Il-Pulizija v. Alvin Privitera**[2]), biex jirrimedja ghal sitwazzjonijiet ta' zbilanc u nuqqas ta' ugwaljanza bejn l-interrogatur u min qed jigi interrogat. Jista' facilment ikun hemm sitwazzjonijiet ta' intimidazzjoni, paniku u konfuzjoni f'mohh il-persuna arrestata tant li f'dawk ic-cirkostanzi l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata. Ghalhekk huwa gust li ammissjoni jew stqarrija maghmula minn persuna vulnerabbli f'cirkostanzi intimidanti ghandha tigi skartata. Min-naha l-ohra jekk il-persuna arrestata ma hix persuna vulnerabbli u c-cirkostanzi ma jistghux jitqiesu intimidanti, ma hemmx raguni valida ghaliex l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata.[3]

Fil-kaz odjern, meta ittiehdet l-istqarrija, l-imputat kien ragel matur ta' 40 sena, u kellu diga sitt (6) kundanni minn dawn il-Qrati. Ghalkemm irid jinghad li hamsa (5) minn dawn il-kundanni kienu relatati ma offizi tas-sewqan, l-ahhar kundanna qabel sar l-interrogaturju kienet ta' pussess semplici tad-droga eroina fil-25 ta' Frar 2004. Ghalhekk l-imputat kellu diga ghall-inqas esperjenza ta' darba ohra ta' kif issir interrogazzjoni. L-imputat ma kienx minorenni u lanqas allega li kien ibati minn xi forma ohra ta' vulnerabilita, hekk li facilment ikun intimidat bl-ambjent fejn sar l-interrogatorju.

In oltre qabel l-interrogatorju, l-imputat gie mgharraf bid-dritt tieghu li jibqa' sieket u ma jwegibx, u kif inghad skont

---

[1] Deciz fis-27 ta' Novembru 2008.
[2] Deciz fil-11 ta' April 2011.
[3] Ara ittra ta' Dottor Giovanni Bonello ex-imhallef fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ippubblikata fit-*Times of Malta* fit-28 ta' Novembru 2012.

il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla seta' jaghmilha minghajr konsegwenzi ta' xejn.

Huwa rilevanti wkoll li ghalkemm l-istqarrija ittiehdet fl-24 ta' Mejju 2008, kien biss fit-trattazzjoni finali li saret fis-29 ta' Ottubru 2012 f'dawn il-proceduri li l-imputat talab li l-istqarrija tieghu tigi skartata. Matul dawn l-erba' (4) snin, l-imputat qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrija jew li jichad dak li fiha. Dan huwa sinjal li l-imputat stess ma kienx qieghed ihoss illi tqieghed that svantagg ingust bl-istqarrija li, wara kollox, ghamilha liberament.

Ghaldaqstant, fil-fehma konsidrata ta' din il-Qorti ma hemmx raguni valida ghaliex ghandha tiskarta l-istqarrija. In vista tal-ammissjoni volontarja tal-imputat fl-istqarrija, il-Qorti issibu hati ta' pussess semplici tad-droga eroina.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatt li l-imputat ikkopera mal-pulizija. Pero l-fedina penali tieghu mhix wahda felici. Kif gia inghad, qabel l-interrogatorju tal-kaz odjern l-imputat kellu diga sitt (6) kundanni minn dawn il-Qrati, wahda minnhom ta' pussess semplici tad-droga eroina, u l-fedina aggiornata tieghu turi li gie ikkundannat darba ohra minn dawn il-Qrati fuq offiza ta' natura gravi fuq il-persuna kagunata minn sewqan traskurat.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artkoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-G.N. 292/1939, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt Euro (€500.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu 2013, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut

minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------